# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 26**

**Citaz. numru 1198/95 FDP**

**John Baptist Chiappa u martu Miriam Chiappa.**

**vs**

**Joseph M. Formosa bhala General Manager u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Lohombus Bank Limited gia msejjah Lohombus Corporation Limited u Emanuel Grech bhala Registratur tal-Qrati u Direttur Generali (Qrati) u l-Avukat Dr. Ethelbert Fenech Adami assuma l-atti f'isem Lohombus Bank Limited b'nota tat-18 ta' Novembru 1999 l-isem tas-socjeta' mill-1 ta' Dicembru 1999 inbidel ghal HSBC Home Loans (Malta), dan b'rizoluzzjoni tas-27 ta' Awissu 1999, flok Joseph M. Formosa b'nota tat-12 ta' April 1996.**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

Dan hu appello del terzo minn Alexandra Mizzi li interponiet appell bhala terza interessata fil-mertu ta' dan l-att tac-citazzjoni fil-kawza fl-

ismijiet premessi deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 1998 :-

"L-attur ippremetta illi :-

Premess illi kif jidher mill-atti tas-subbasta Numru 46/93 fl-ismijiet "Joseph M. Formosa bhala General Manager ghan-nom u in rapprezentanza ta' Lohombus Corporation Limited vs John Baptist Chiappa" li kopja legali taghhom qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A, il-kumpanija konvenuta kienet fl-20 ta' Ottubru 1992 ipprezentat ittra ufficjali kontra l-attur John Baptist Chiappa fejn, wara li ghamel riferenza ghall-kuntratt pubblikat minn Nutar Joseph Brincat fil-25 ta' Awissu 1986, interpellat lill-istess attur biex ihallas is-somma ta' elfejn, mitejn, sitta u tletin lira Maltin (LM2236), u b'dan il-mod l-imsemmi kuntratt kien qed jigi rez titolu esekuttiv u

Premess b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-10 ta' Marzu 1993, fuq rikors tal-kumpanija konvenuta tat-3 ta' Marzu 1993, gie ordnat il-bejgh bl-irkant tad-dar bl-isem "Casa Juve", Guzeppi Barbara Street, Ghaxaq, u gie nominat l-Arkitett u Inginier Civili Joseph Huntingford biex jiddeskrivi u jivvaluta l-imsemmi fond li fil-fatt gie minnu valutat fis-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20, 000) u

Premess illi in segwitu b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' Settembru 1993, fuq it-tieni rikors tal-kumpanija konvenuta tal-21 ta' Mejju 1993, gie appuntat il-jum tat-3 ta' Dicembeu 1993 ghall-bejgh bl-irkant u giet ordnat in-notifika tal-avvizi u

Premess illi fl-avviz tas-subbasta li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 15,800 tas-17 ta' Settembru 1993 saru zbalji billi fit-test Ingliz, a differenza mit-test Malti, intqal li s-subbasta kellha ssir fit-3 ta' Settembru 1993, u

Premess illi fiz-zewg testi, Malti u Ingliz, intqal li l-bejgh bl-irkant appuntat ghat-3 ta' Dicembru 1993 ma sarx u billi ghal din ir-raguni l-kumpanija konvenuta ipprezentat rikors iehor fejn, wara li esponiet li s-subbasta appuntata ghat-3 ta' Dicembru 1993 ma saritx minhabba zball fl-avviz tas-subbasta, talbet li din l-Onorabbli Qorti tordna l-gurnata, hin u lok tal-bejgh in subbasta tal-fond fuq imsemmi, liema talba giet milqugha b'digriet tal-24 ta' Frar 1994 li ordna li l-bejgh bl-irkant isir fil-11 ta' April 1994 u li jinhargu l-avvizi u

Premess illi l-avviz tal-bejgh bl-irkant deher fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 15903 tal-11 ta' Marzu 1994 fejn gie ripetut wiehed mill-izvalji fuq indikati a rigward l-avviz fuq imsemmi mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Settembru 1993 billi giet indikata d-data "29 ta' Marzu 1993" minflok "10 ta' Marzi 1993" u

Premess illi kif jidher mill-verbal tal-11 ta' April 1994 dehret biss biex toffri l-kumpanija konvenuta li offriet "animo compensandi" s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) u l-imsemmi fond gie definitivament a favur l-istess kumpanija konvenuta bil-prezz ta' Lm3000 "animo compensandi" u

Premess illi l-liberazzjoni ma setghetx saret fil-bejgh bl-irkant mizmum fil-11 ta' April 1994 u

Premess illi f'dik il-gurnata kien qed isir ghar-ragunijiet fuq esposti ghall-ewwel darba l-bejgh bl-irkant u ghalhekk kien jehtieg li jkun hemm tlett offerenti u li l-offerta taqbez nofs il-valur stmat tal-fond, liema zewg kondizzjonijiet ma kienux gew sodisfatti billi offerenti kien hemm biss il-kumpanija konvenuta u l-offerta kienet biss ta' Lm3000 (Art. 324, Kap 12) u kwindi l-Qorti kellha tappunta gurnata ohra ghall-bejgh bl-irkant (Art. 325 Kap 12) u

Premess illi ghalhekk il-bejgh bl-irkant u l-liberazzjoni fuq imsemmija huma invalidi, nulli u bla effett billi ma gewx osservati d-disposizzjonijiet tal-ligi relattivi ghal bejgh b'irkant li huma intizi biex jipprokuraw l-oghla prezz possibbli.

Jitolbu l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-

1. Tiddikjara li l-bejgh bl-irkant fuq imsemmi li sar fil-11 ta' April 1994 tal-fond bl-isem "Casa Juve", Guzeppi Barbara Street, Ghaxaq, huwa null u bla ebda effett u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija u

2. Konsegwentement, tiddikjara li l-liberazzjoni maghmula mir-Registratur ta' din l-Onorabbli Qorti hija nulla u bla ebda effett u tordna l-kancellament tal-istess liberazzjoni billi taghti wkoll dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut Joseph M. Formosa in rapprezentanza tal-Bank konvenut Lohombus Bank Limited hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

"1. Illi l-odjerna kawza hija nulla u bla effett billi l-ordni fic-citazzjoni giet moghtija mill-Qorti tal-Kummerc, meta din skond il-ligi kienet giet abolita.

2. Illi d-domanda ta' l-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi l-kreditur eccipjent dejjem mexa skond il-ligi u jekk kien hemm xi dettalji zbaljati dawn ma jimportawx ghan-nullita' tas-subbasta imsemmija."

Il-konvenut Registratur tal-Qrati eccepixxa li d-domanda tal-atturi kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u li huwa kien mexa ai termini tal-ligi.

**DECIDE**

B'sentenza tas-7 ta' Lulju 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet l-ewwel domanda kif dedotta fic-citazzjoni, laqghet ukoll it-tieni domanda u ordnat il-kancellament ta' kull registrazzjoni relattiva ghal-liberazzjoni tal-fond favur il-Bank konvenut u ordnat li l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

“Illi l-atturi kienu l-propjetarji tal-fond “Casa Juve”, Guzeppi Barbara Street, Ghaxaq. U permezz ta’ kuntratt tal-25 ta’ Awissu 1986, il-konvenut noe odjern silef is-somma ta’ Lm3000 lill-attur John Baptist Chiappa u in garanzija ta’ dan is-self l-istess konvenut ottjena ipoteka u anki privilegg specjali fuq il-fond “de quo” minghand l-attur u minghand l-attrici martu Miriam Chiappa fuq in-nofs indiviz taghha mill-istess fond.

Illi rrizulta li l-atturi odjerni naqsu li jirrestitwixxu l-ammont misluf ghalkemm interpellanti diversi drabi u l-bank konvenut beda proceduri ghall-bejgh in subbasta u dan wara li d-debitu gie res esekuttiv permezz ta’ ittra ufficjali tal-20 ta’ Ottubru 1992.

Illi wara rikors appositu, gie nominat il-Perit Joseph Huntingford li ghamel stima tal-fond fl-ammont ta’ Lm20,000 u wara li sar is-“secondo ricorso” il-bejgh bl-irkant gie fissat ghat-3 ta’ Dicembru 1993 wara avviz li kien deher fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta’ Settembru 1993.

Illi gara li fl-imsemmija pubblikazzjoni sar zball u kien hemm diskrepanza bejn it-test Malti u dak Ingliz b’mod li dan ta’ l-ahhar kien jidnika d-data li kienet gia’ ghaddiet ; l-atturi jikkontendu li “il-bejgh bl-irkant appuntat ghat-3 ta’ Dicembru 1993 ma kienx sar waqt li l-bank konvenut jikkontendi li saret validament l-ewwel ghajta.

Illi l-istess bank b’danakollu pprezenta ‘secondo ricorso’ iehor u giet fissata data ohra ghall-11 ta’ April 1994 ; dan gie decretat u saret is-sejha izda kien hemm offerent wiehed (il-bank konvenut bi Lm3000 li offra din ic-cifra animo compensandi) u l-bank konvenut jikkontendi li l-liberazzjoni li saret favur tieghu hija valida peress li dik tal-11 ta’ April 1994 kienet it-tieni sejha.

Illi l-Qorti tifhem li bis-sejha tal-11 ta’ April 1994 li saret wara ‘secondo ricorso’ gdid ma giex sodisfatt ir-rekwizit impost mill-artikolu 325 dwar il-procedura li kellha tigi segwita fil-kaz li wara l-ewwel ghajta ma kienx intlahaq nofs il-prezz tal-istima tal-perit nominat mill-Qorti u meta ma jkunx hemm almenu tlett offerenti.
Illi jinghad ukoll li dwar l-ewwel sejha ghandu jigi rilevat li kien hemm nuqqasijiet ta’ notifika li ghalhekk ma saritx skond id-disposizzjonijiet tal-artikoli applikabbli.

Illi l-Qorti tosserva b’sorpriza u hsieb kif il-bank konvenut, li kellu skopijiet ta’ ghajnuna lil min ma setax jakkwista fejn joqghod, kienu ser jakkwistaw fil-11 ta’ April 1994 proprjeta’ bi tlett elef lira Maltin (Lm3,000) meta l-perit nominat mill-Qorti kien sena biss qabel ghamel stima ta’ ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).

Illi f'kull kaz il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax in-nuqqas ta' interess li wera l-attur meta gie interpellat tant drabi biex jottempra ruhu u anke meta ttiehdu l-proceduri ghall-bejgh tal-proprjeta' ; dan il-fatt se jittiehed in konsiderazzjoni fid-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez."

**APPELL**

L-ebda wiehed mill-partijiet fil-kawza ma appella minn din is-sentenza. Appellat minnha pero' Alexandra Mizzi ghaliex tissottometti li hi kellha interess a tenur tal-artikolu 236 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili in vizta tal-fatt li hi dahlet f'konvenju mas-socjeta' bankarja konvenuta datat 7 ta' Awissu 1995 u mgedded permezz ta' sensiela ta' skritturi ulterjuri, datati rispettivament 17 ta' Jannar 1996, 15 ta' Jannar 1997, 14 ta' Marzu 1997, 11 ta' Settembru 1997 u 5 ta' Marzu 1998. Din is-sitwazzjoni timporta guridikament illi jekk ghal xi raguni l-appell tat-terz ma jigix milqugh, is-sentenza tal-Prim'istanza tghaddi in gudikat fil-konfront tal-partijiet fil-kawza.

L-aggravji tat-terza interessata fir-rikors tal-appell huma esposti fi tlett ilmenti principali :-

(a) Is-sentenza appellata ma gietx sufficjentement motivata.

(b) L-izbalji li saru fil-process tas-subbasta ma kienux jammontaw ghal difetti procedurali.

(c) Li anke kieku stess kien hemm difetti procedurali, dawn ma kienux necessarjament ta' natura li jinvalidaw il-proceduri kollha tal-bejgh in subbasta u s-sussegwenti liberazzjoni.

Qabel mal-Qorti tghaddi biex tezamina dawn l-aggravji, kien jinhtieglha tissorvola ostakolu procedurali preliminari. Mill-fatti jirrizulta illi l-parti interessata li m'appellatx naqset li hi tiddepozita fi zmien utili l-ammont determinat mir-Registratur in kawtela tal-ispejjez tal-appell fi zmien statutorjament prefiss u, qabel ma dan skada, hi intavolat rikors li bih talbet li tigi ammessa ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament. F'dak ir-rikors hi kkonfermat bil-gurament illi kwantu ghas-sitwazzjoni finanzjarja taghha, hija ma kienitx f'posizzjoni li thallas l-ammont ta' Lm859 likwidat bhala garanzija. Kwantu ghar-rekwizit ta' interess u cioe' ta' probabilis causa litigandi hija ssottomettiet li kienet ghamlet konvenju mal-Bank konvenut fuq l-immobbli mertu tal-kawza u ghalhekk kellha kull interess fl-ezitu taghha.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Is-sub inciz 1 tal-artikolu 904 jipprovdi illi jista' jinghata lill-appellant il-beneficcju tal-garanzija bil-gurament meta huwa juri prima facie li ghandu probabilis causa litigandi. Din il-Qorti ezaminat is-sottomissjonijiet tal-kontendenti f'dan ir-rigward fid-dawl tal-aggravji sottomessi, s-sentenza appellata u l-motivazzjoni taghha u waslet ghall-

konkluzzjoni illi ma tistax taqbel illi l-appellanti rnexxielha tipprova dan l-ewwel rekwizit ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament.

(a) Kellha qabel xejn tissodisfa lill-Qorti li kellha interess fit-termini tal-ligi biex tintervjeni f'dan l-istadju ta' revizjoni tal-kawza billi bhala terz tappella mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad. Interess li kien qed jehtigilha tipprova kellu jkun guridiku u dan ifisser illi tali interess seta', jekk jigi rejalizzat b'mod favorevoli fl-azzjoni kif proposta, jissarraf fi dritt fil-konfront tal-atturi li pproponew il-kawza . Ma kienx allura bizzejjed li tali interess ikun fl-ezitu tal-kawza in kwantu dan seta' jizvantaggja jew jagevola lit-terz li jappella fit-termini tal-artikolu 236 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Fil-kaz taht ezami jidher li tali interess guridiku ma jirrizultax in kwantu l-appellanti ma setghet qatt tivvanta xi jedd fil-konfront tal-atturi li maghhom m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika u li johrog mill-konvenju li fuqu qed teradika l-interess li jintitolaha tappella qua terz. In oltre l-fatt illi l-Bank konvenut u l-konvenut Registratur tal-Qrati accettaw is-sentenza appellata bhala gusta billi m'appellawx minnha u allura dik is-sentenza kienet ghaddiet fil-konfront taghhom in gudikat, jidher li kkomprometta intervent tal-appellanti f'dan l-istadju tal-process.

(b) Apparti dan l-aspett sollevat mill-eccezzjoni preliminari li jolqot proprju l-locus standi tal-appellanti li tintevjeni qua terz f'dan l-istadju tal-proceduri, din il-Qorti lanqas ma hi tant sodisfatta illi hi ghandha probabilis causa litigandi fil-mertu. L-appellanti qed tikkontesta d-

decizjoni tal-ewwel Qorti illi l-procedura ta' subbasta li bih il-fond mertu tal-kawza gie liberat favur il-Bank konvenut kienu inficjati b'difetti serji li rrendewhom nulli u bla effett fil-ligi. Din il-Qorti nnotat illi r-registratur tal-Qrati fl-eccezzjonijiet tieghu ghat-talbiet attrici formalment irribadixxa li hu kien mexa ai termini tal-ligi u allura d-domandi attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Pero' wara li gew prodotti l-provi, gew ezaminati fid-dettal l-atti tal-kawza u tas-subbasta u wara li saru s-sottomissjonijiet tal-kontendenti, l-istess Registratur tal-Qrati, nkarigat bil-ligi biex proprju jassigura li kull bejgh in subbasta jsir rite et recte u konformement mad-dettami stretti tal-procedura, gie konvint mill-irregolaritajiet gravi li avveraw ruhhom fil-process tal-liberazzjoni tal-fond de quo lill-Bank konvenut. Infatti l-istess Registratur ikkonkluda n-nota tas-sottomissjonijiet tieghu billi afferma illi "l-irritwalita' sostanzjali f'dawn il-proceduri hija illi l-liberazzjoni li saret fil-11 ta' April 1994 saret bl-applikazzjoni tal-artikolu 325 (tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili) meta ma kienx ghadu avvera ruhu ritwalment dak li jiddisponi l-artikolu 324" (tal-istess Kodici). F'din l-istess nota r-Registratur tal-Qorti deher li kellu jafferma kategorikament illi "dak li jidher li sar hazin b'mod li ma jistax jigi sanat huwa ghalhekk il-fatt li fil-11 ta' April 1994 l-fond gie liberat fuq offerta wahda taht nofs l-istima qisu dak li sar fl-ewwel jum iffissat ghall-bejgh kien ritwali".

Dawn is-sottomissjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Qrati jammontaw fil-fehma ta' din il-Qorti ghalxejn inqas minn ammissjoni tat-talbiet attrici,

kontra liema ammissjoni l-ebda argumentazzjoni ma setghet tregi. Dana mhux biss ghaliex hu aktar minn evidenti illi l-irregolaritajiet ippuntwalizzati mhux biss mill-istess atturi appellati imma wkoll b'awtorita' ferm ikbar mill-istess Registratur tal-Qrati kienu nuqqasijiet ta' sostanza illi mminaw il-process tal-bejgh gudizzjarju li kellu fih innifsu jassigura illi l-proprjeta' in vendita tigi rejalizzata bl-ahjar prezz possibli proprju fl-osservanza stretta u preciza tar-regoli li l-ligi procedurali timponi f'kull stadju tal-process tal-bejgh. Tali irregolaritajiet provati kienu mhux biss ta' sostanza imma wkoll pregudizzjevoli tal-jeddijiet tad-debitur. Kull tentattiv da parti tat-terz appellanti kif ukoll tal-Bank appellat, li fl-ahhar mill-ahhar issokkomba s-sentenza appellata u allura ma kellux dritt f'dan l-istadju ikompli jiddefendi t-tezi tieghu kif espressa fl-eccezzjonijiet quddiem l-ewwel Qorti, biex jimminizzaw il-portata tal-irregolaritajiet gustament rilevati anke fil-premessi attrici fl-att tac-citazzjoni hu inutili ghaliex bl-ebda mod ma jistghu jiggustifikaw il-fatt illi l-fond gie liberat favur il-Bank fil-proceduri tal-bejgh in subbasta li ma kienux jipprovdu dawk il-garanziji minimi li l-ligi tal-procedura tezigi biex jigi provat illi l-proprjeta' in vendita tirrejalizza l-ahjar prezz possibbli. Minghajr il-htiega ghal din il-Qorti li tinnoltra ruhha d-dettalji lilha sottomessi anke ghaliex f'dan l-istadju kien mehtieg biss ghaliha illi tiddeciedi prima facie jekk kienitx jezisti jew le probabilis causa litgandi, din il-Qorti setghet bla diffikulta' tafferra r-rejalta' tal-inosservanza ta' diversi rekwiziti procedurali li tivvizzja l-process kollu, li inevitabilment twassal ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taghhom fit-termini tal-artikolu

789 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili billi, bhala konsegwenza taghhom, gie arrekat pregudizzju serju lid-debitur li ma setax jigi rimedjat jekk mhux permezz ta' decizjoni gudizzjarja illi l-process kollu kellu jigi annullat u kondott mill-gdid.

(c) Finalment hi f'posta r-riferenza tal-appellati ghall-principji enuncjati f'sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Scerri vs Assistent Registratur tal-Qrati t'Ghawdex et noe" (Volum LXXV.i. 500-506) fejn jinghad "diversi artikoli bis-subtitolu 2 tat-titolu vii tal-Kap 12 huma intizi biex jattiraw l-akbar numru ta' offerenti biex il-bejgh ukoll jirrejalizza l-ghola prezz. Dawn huma r-regoli ta' pubblicita' tal-pubblikazzjoni tal-avvizi bl-istimi, l-kwindena u anke l-lok fejn jinzamm l-irkant. Ghalhekk, ghalkemm huwa veru li l-banditur ghandu jidderigi huwa l-irkant u ghal buon ordni huwa awtorizzat li jiehu l-provvedimenti kollha adegwati, dawn ma jistghux ikunu tali li jmorru kontra r-rekwiziti essenzjali tal-irkant li jizdiedu l-offerti u joghla l-prezz." Dan il-principju fundamentali kellu gustament jigi osservat billi r-regoli precizi li l-Kodici jimponi ghal kull fazi tal-bejgh gudizzjarju kellhom jigu osservati "adunguem" u meta regola li sostanzjalment tincidi fuq il-possibbilita' illi jigi pregudikat il-fini li tigi assigurata l-massima pubblicita' u l-possibbilita' tal-akbar numru ta' offerenti tigi ghal xi raguni tkun xi tkun injorata, dan ma setghax ma jwassalx ghan-nullita' tal-process kollu."

(d) Din il-Qorti tant tara kjarezza f'dan il-principju bazilari u bil-mod kif kellu jigi applikat ghall-fatti taht ezami, illi bl-ebda mod ma tista'

taccetta l-aggravju tal-appellanti illi s-sentenza appellata ma kienitx sufficjentement motivata. Din il-Qorti jidhrilha illi dan mhux il-kaz proprju ghaliex il-fatti in kawza kienu ghal min jiehu l-briga li jifli sewwa l-process, wiehed ta' "res ipsa loquitur". Ftit kien jehtieg ghall-gudikant illi jelabora dwar in-nuqqasijiet procedurali ampjament ventilati quddiem l-ewwel istanza anke permezz ta' noti t'osservazzjonijiet dettaljati li kien jenhtiegilhom approfondiment. Il-fatti kienu allura jitkellmu wehidhom u l-konsegwenzi tal-irregolaritajiet indubbjament riskontrati kellhom, anke fil-fehma ta' din il-Qorti, jkunu skontati. Hi fliet li qalet l-ewwel Qorti f'dan il-kuntest li kellu allura jissodisfa bhala motivazzjoni adegwata tal-gudikat taghha.

(e) Fir-rigward tar-rekwizit l-iehor biex jinghata lill-appellant il-beneficcju tal-garanzija bil-gurament u cioe' li dan jahlef li ma rnexxielux igib dik il-garanzija mitluba u mehtiega skond il-ligi, din il-Qorti tqis illi filwaqt li hu minnu illi l-appellanti ssodisfat dan ir-rekwizit formalment in kwantu kkonfermat bil-gurament taghha li ma kienx irnexxielha iggib il-fondi mehtiega, din il-Qorti ghandha r-rizervi taghha dwar kemm dan kien verament jirrifletti r-rejalta'. Hemm hafna domandi li jibqghu bla risposta f'dan ir-rigward. Bizzejjed jinghad illi l-appellanti tiddikjara li hi ma kientix f'posizzjoni li taghmel tajjeb ghall-kawtela ghaliex ma kienitx tahdem. Kienet "single parent" b'zewgt itfal. Fl-istess hin il-bazi tat-talba taghha hi illi kienet dahlet f'konvenju mal-Bank konvenut biex takkwista <u>hi</u> personalment il-fond de quo bi prezz ta' disat elef lira

Maltin li minnhom harget elf lira depozitu. Jidher li mill-kapital biex tixtri l-fond il-Bank konvenut ma kien qed jippretendi li hi tohrog xejn iktar u li kien ser iselifha l-bilanc ta' tmint elef lira kollu. Dan ghal din il-Qorti jidher xi ftit azzardat pero' ma jirrizultax kontestat mill-provi da parti tal-Bank. Mill-banda l-ohra pero' l-istess appellanti tikkonferma illi hi kellha hsieb li tonfoq flus biex tkompli tirranga l-fond u li kien ghal din ir-raguni li l-Bank kien preparat itiha l-kapital kollu ghall-akkwist tal-fond. Dan iwassal ghal diversi domandi kif f'cirkustanzi bhal dawn l-appellanti kienet preparata li tidhol ghal dawn il-pizijiet u imghaxijiet kollha u spejjez tal-kuntratt kieku tintlaqa' t-talba taghha pero' ma kienitx f'posizzjoni illi taffronta l-ispiza ta' Lm859 biex tikkawtela dan l-appell. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi una volta wiehed ikun preparat li jidhol f'pizijiet kbar biex jakkwista fond f'cirkustanzi bhal dawn taht ezami kien gust li wiehed jistenna illi tali persuna tkun f'posizzjoni li taffronta spejjez ancillari, anke jekk huma gudizzjarji li jkunu konnessi ma' dik l-operazzjoni. F'kull kaz pero' ma kienx mehtieg ghal din il-Qorti li tesprimi ruhha fuq dan l-aspett in kwantu, kif inghad, hi waslet ghall-konvinciment illi l-appellanti bhala terz interessata ma werietx li kellha prima facie probabilis causa litigandi fil-mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi, t-talba taghha biex tigi ammessa ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament qed tigi michuda. L-appell qed jigi dikjarat dezert in kwantu ma giex kawtelat fiz-zmien statutorju nonostante illi l-appellanti kienet giet debitament notifikata bl-avvizi ghal dan il-fini. L-

ispejjez ta' din l-istanza kellhom ikunu a karigu tal-appellanti. Dawk tal-prima'istanza kellhom jibqghu kif gja' mill-ewwel Qorti decizi fis-sentenza appellata.

Dep/Reg

mg